MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 510/1993/1

**David Warrington ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Allied Insurance Services Ltd u dina in rapprezentanza tad-ditta estera Legal and General Assurance Society Ltd u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Robert Vassallo**

**Vs**

**Spiridione Zammit u b’digriet tas-7 t’Ottubru, 1993 gew kjamati fil-kawza Joseph A. Gasan u Joseph E. Grech bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Gasan Insurance Agency Limited u dina bhala rapprezentatrici tad-ditta assikuratrici estera General Fire & Life Assurance Corporation P.l.c, u b’nota tal-5 ta’ Jannar, 1994 Dottor Louis Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Gasan Insurance Agency Limited u din bhala rapprezentatrici tad-ditta assikuratrici estera General Accident Fire &**

**Life Assurance Corporation P.l.c.assuma l-atti tal-kawza minflok Joseph A. Gasan u Joseph E. Grech**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi fis-27 ta' Gunju, 1992, il-vettura V-2175 misjuqa minn Robert Vassallo, assigurat mas-socjeta' attrici giet segwita fil-Hamrun mill-konvenut li kien qed isuq vettura numru tar-registrazzjoni G-5548;

Peress illi l-istess konvenut dolozament jew b'negligenza u traskuragni saq il-vettura G-5548 ghal gol-vettura V-2175 u laqatha;

Peress illi bil-habta l-vettura V-2175 baqghet diehla fuq Taxi li kienet ipparkjata, numru tar-registrazzjoni V-0019, u b'hekk iz-zewg vetturi garrbu diversi hsarat;

Peress illi ghall-hsarat sofferti fil-karrozza V-2175 tal-assigurat u l-hsarat sofferti fit-Taxi V-0019, kellha taghmel tajjeb is-socjeta' attrici minhabba polza tal-assigurazzjoni tip "comprehensive" u tal-ligi;

Peress illi d-ditta attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat Robert Vassallo;

Peress illi l-istess konvenut, ghalkemm debitament interpellat baqa' inadempjenti;

Jghid l-istess konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjarah responsabbli ghall-kollizjoni msemmija, u cioe' dik li grat fis-27 ta' Gunju, 1992 fil-Hamrun;

2. Tillikwida d-danni minnu kkagunati okkorrendo permezz ta' perit w esperti nominandi;

3. Tikkundannah ihallas id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez w interessi legali komprizi dawk tal-ittra bonarja kontra l-konvenut, li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Spiridione Zammit a fol. 10 tal-process fejn eccepixxa:**

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda peress illi Robert Vassallo kien unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni;
2. Illi l-vettura tal-eccipjent ma kienet involuta f’ebda incident stradali u d-danni tal-istess Robert Vassallo gew kagunati unikament peress illi huwa habat gol-hajt u ma’ Taxi;

3. Salve eccezzjonijiet ulterjuri jekk jinqala’ l-bzonn.

Bl-ispejjez kontra l-attur nomine li minn issa qed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet a fol. 15 u n-nota a fol. 18;

**Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawza a fol 19;**

Rat il-verbal a fol. 24 li bih Dr. L .Bianchi rtira l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Rat il-verbal a fol 73 fejn il-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontesta l-kwantum;

Rat l-atti kollha tal-kawza u dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw;

**PROVI**

**Spettur Frans Micallef** li kien investiga l-kaz, xehed li kien ha stqarrija tal-konvenut Dok S a fol. 86. Hu pprezenta l-okkorrenza Dok K fol. 87, ir-rapport tieghu Dok R, fol. 85, u kopja ta' l-akkuza li nharget kontra l-konvenut, fol. 84. Lilu kien irrizultalu li Vassallo kien ipparkjat fl-isqaq jaghmel xi xoghol fuq il-karozza tieghu. Il-konvenut kellu bzonn johrog mill-isqaq bil-karozza u talab lill Vassallo biex icaqlaqlu l-karozza u dan caqlaqlu. Meta hareg mill-isqaq Zammit sab il-parti l-ohra maghluqa u kellu bzonn jerga jghaddi minn Camelia Street, li kienet qed tigi ostakolata minn Vassallo dak il-hin. Hemmhekk inqala' argument bejniethom, Vassallo telaq bil-karozza tieghu minn fuq il-post f'St. Thomas Street. Hu gie segwit minn Zammit u kompla l-argument hemmhekk. Irrizulta li kienet saret hsara fuq il-vettura ta' Vassallo. Meta kellem lill Vassallo dan kien qallu li dahal f'St. Thomas Street, biex jevita lill Zammit pero' dana baqa diehel fih. Hu kien ra l-karozzi fejn l-Ghassa.

**Skond ir-rapport Dok R fol. 85 -** jirrizulta li *Car No U 2175 was observed extensively damaged****. Slight damages were also observed on Car No G 5548*** *and a parked Taxi No Y 0019.*

*The argument started when Zammit asked Vassallo to remove his car as this was blocking his way.* ***Vassallo stated*** *that he was asked by Zammit to remove his car and he complied, however, Zammit returned and again asked him to remove his car. At this time he did not immediately obey as he was working on his car. Zammit started to bang on Vassallo's vehicle and the argument started. Vassallo removed his car but Zammit followed him in an angry manner. To avoid any incident, Vassallo tried to avoid Zammit by driving down St Thomas Str, but still Zammit followed. At one point he had to stop with the consequence that Zammit kept driving onto his vehicle causing extensive damage to same. His car was also pushed onto a parked Taxi car and slight damages were caused to this vehicle.*

***Zammit made a statement** and admitted that he had an argument with Vassallo and that he had followed him with his vehicle. However, he denied having caused any damages to Vassallo's vehicle* (ara fol 86).

**Robert Vassallo** xehed li kien qed jahdem fil-karozza f'Camelia Street, Hamrun fejn joqghod. Il-konvenut hareg mill-Kazin u qallu biex iwarrablu min nofs. Hu dahal fil-karozza, saq il-fuq, u l-konvenut beda jsuq. Izda l-konvenut sab van jimblukkalu t-triq. Hu ndika lill persuna li kien mal-konvenut fejn seta kien id-*driver* tal-van. Imbaghad hareg il-konvenut mill-karozza tieghu u beda jaghti fuq il-karozza tieghu u jghidlu biex iwarrabblu minn hemm. Il-konvenut kompla jaghti fuq il-karozza tieghu u jheddu li jkissirilu u mar fejn il-karozza tieghu. Imbaghad hareg sid il-van u ried isuqlu, izda l-konvenut baqa' jghid li ried ikissirlu l-karozza. Dahal fil-karozza, startja u sa dan ittant gew xi 4 minn nies quddiem il-karozza tieghu u beda jirrejzja ghal fuqhom. Hu ghadda minn hdejhom. Kif ra hekk hu (Vassallo) beda jirriversja u hareg minn dina t-triq u gibed fuq ix-xellug tieghu. Il-konvenut hareg u flok gibed ghas-*side* tieghu rega gibed ghal fuqu. Kif ra hekk rega' rriversja u gibed ghas-*side road* ohra cjoe f'St. Thomas Street bir-reverse billi hija one way. Kif il-konvenut ra hekk dan dahal ghal warajh u f'mument minnhom laqtu. Tah daqqa fuq quddiem u l-karozza daret u dahal gol-hajt u strah fuq il-gemb ta' Taxi. Il-konvenut baqa' jizzerzaq fuq il-gemb tal-karozza tieghu kollha u kif waqaf, il-konvenut hareg u beda jaghti bil-ponn fuq il-karozza tieghu u anke ghamillu hsara fis-saqaf u l-bieba. Imbaghad gew in-nies u kkalmawh.

**Arthur Vassallo,** missier Robert Vassallo, xehed li kien prezenti meta gara l-incident. Kien qed iwahhal l-ispeakers ma ibnu. Hin minnhom hareg il-konvenut u qal: "Warrabbli ha nghaddi". It-tifel dahal fil-karozza u resaq fil-parti wiesa tat-triq biex il-konvenut ikun jista' johrog. Kif ghamel hekk it-tifel rega mar f'postu biex ikompli jwahhal l-ispeakers. Izda l-konvenut sab zewg karozzi ohra qed jimblukkawlu t-triq u wiehed li kien mal-konvenut mar fuq it-tifel u staqsih ta' minn kien il-van li qed jimblukka t-triq. It-tifel ghurih fejn seta jsibu. Sa danittant hareg il-

konvenut, resaq lejn it-tifel u beda jtektiklu fuq il-karozza u jghidlu biex iwarabblu biex jghaddi. It-tifel qallu li kien ser iwarrablu izda qallu biex ma jkompliex itektikklu fuq il-karozza. Izda l-konvenut kompla b'aktar sahha u qallu mhux ma ntektiklekx, inkissirilek, u mar ghal karozza tieghu. Hareg l-*owner* tal-van u ried iccaqlaq il-van izda l-konvenut baqa jinsisti li ried ikisser il-karozza tat-tifel. Hu u ohrajn ipprovaw izommu lill konvenut milli johrog ghat-tifel. It-tifel beda jirriversja biex jikklirja t-triq. Il-konvenut beda jirrejzja u kieku ma warbux minn nofs kien itajjar lilhom ukoll. Il-konvenut baqa' hiereg irrankat ghat-tifel. X'gara wara ma jafx ghax ma kienx prezenti.

**Spiridione Zammit,** il-konvenut xehed li kien qal lill Vassallo biex icaqlaq il-karozza u dan kien qallu li meta jkun komdu kien ser jersaqlu. Hu ma accettax dina it-twegiba. Rega qallu ghal darba darbtejn, ghax kien imghaggel. Qam bhal speci battibekk bejnithom u fl-ahhar Vassallo donnu ddecieda biex jersaq. Dan kien ghaddielu xi kumment li pero' ma fehmux. Startja l-karozza u Vassallo ghal xi raguni li ma jistax jifimha minflok irriversja ftit biex ihallilu spazju biex ighaddi, baqa jirriversja it-triq kollha f'Camelia Street, f'Triq Rjali Hamrun, u go St. Thomas Street. Hu kien ghadda mill-istess toroq peress li biex jasal ghal St. Peter's Alley Hamrun fejn joqghod ried jghaddi minn St. Thomas Street. Hin minnhom innota li Vassallo tilef il-kontrol tal-vettura tieghu meta bi zball ir-roti tal-gemb rikbu l-bankina, baqa' tiela fuqha, habat mal-hajt u meta rega nizel il-bankina habat f'Taxi li kienet pparkjata. Hu waqaf . Kien hemm xi tliet piedi bejn il-vettura tieghu u dika ta' Vassallo. Meta nizlu mill-vetturi Vassallo beda jallega li huwa tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u tela fuq il-bankina ghax kien habat mieghu quddiem ma quddiem. Hu kien insista mieghu li ma kienx messu. Hu kien indika lill Vassallo u lill Pulzija li l-vettura tieghu ma kelliex daqqiet u lanqas barxa jew xi sinjal ta' barxa fuq quddiem.

Fuq kontroezami wiegeb li lill Vassallo kien qallu li ried imur l-isptar. Hu cahad li kien qed isegwi lill Vassallo izda ammetta li dahal kontra l-*one way*.

**Emmanuel Cassar** li kien mal-konvenut xehed li Vassallo kien qal li ma riedx isuq ghalissa qabel ma jlesti dak li kien qed jaghmel ghax kien iddejjaq isuq ghan-nies. Meta wiegeb b'dan il-mod u b'ton daqxejn aggressiv, inqala xi diskors bejn il-konvenut u Vassallo. Imbaghad Vassallo irriversja u ma rah xejn aktar. Wara ra l-karozza ta' Vassallo mahbuta. Il-karozza tal-konvenut ma kelliex daqqiet u lanqas kienet mahbuta mal-karozza ta' Vassallo.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Robert Vassallo spejga dettaljatament kif gara l-incident, kemm fil-Qorti kif ukoll a tempo vergine lill-Pulizija (ara l-parti aktar 'l fuq dwar provi). Bazikament hu qed jghid li l-konvenut kien qallu biex icaqlaqlu izda billi hu ma caqlaqx mal ewwel, il-konvenut irrabbja u nqala argument bejnithom. (Fli-*statment* il-konvenut jghid li kien xorob xi sitt fliexken birra.) Il-konvenut beda jsegwi lill Vassallo bil-karozza sakemm laqtu u dan spicca mahbut ma' hajt u ma' Taxi. Il-konvenut jammetti li kien inqala argument bejnithom u li kien segwa lill Vassallo izda cahad li kien laqtu bil-karozza tieghu. Il-konvenut jghid li Vassallo ghal xi raguni inspjegabbli rriversja fi tlett toroq, u finalment laqat bankina, dahal fil-hajt u spicca mahbut ma Taxi.

Il-Qorti issib li l-ispejgazzjoni li ta l-konvenut ma taghmilx sens, u hija kontradetta mill-fatti u dak li Zammit qal lis-Surgent a tempo vergine (ara fol. 88). Robert Vassallo u missieru, u sa certu punt anke l-persuni li kienu mal-konvenut, jikkonfermaw dak li xehed dettaljatament Robert Vassallo dwar kif qam l-argument u kif in-nies ipprovaw izommu lill konvenut milli jaggredixxi lill Vassallo u jsegwih bil-karozza. Il-versjoni ta' Vassallo tispjega ghaliex huwa kellu jirriversja fi tliet toroq u ghaliex gie insegwit bil-karozza mill-konvenut.

Vassallo kien irriversja l-ewwel darba biex il-konvenut setgha jghaddi izda dan sab van timblukkalu t-triq, u ghalkemm il-konvenut setgha mbaghad jghaddi wara li l-van iccaqlaq, hu baqa' jinsisti li jsegwi lill-Vassallo bil-karozza sa St. Thomas Street. Ma hu veru xejn li l-konvenut ried jghaddi minn hemm biex imur id-dar jew l-isptar - donnu mhux cert fejn kien sejjer dak in-nhar. Wara kollox il-konvenut jekk ried imur x'imkien - id-dar jew l-Isptar - ma setghax u ma kellux jghaddi minn hemm ghax kienet *one way*.

Kollox jindika li dak li gara kien li bis-sahna u rabja li kellu fuqu l-konvenut ghax hassu urtat bl'atteggjament ta' Vassallo, huwa baqa' isegwih bil-karozza sakemm dahal fih. Dan hu konfermat mill-okkorrenza tal-pulizija fejn il-konvenut qal lis-surgent li kien intilef u mar warajh bil-karozza tieghu, nizel minn Triq San Tumas fejn lahqu u baqa diehel fih (fol. 88).

Il-konvenut insista ripetutament li fil-karozza tieghu ma kienx hemm sinjali ta' daqqa jew li huwa kien habat mal-karozza ta' Vassallo. Izda ghal kuntrarju jirrizulta (ara fol. 85) li l-pulizija kienu nnutaw li kien hemm hsara fil-karozza tal-konvenut. Fl-okkorrenza (ara fol. 88/9) hemm rappurtat li karozza Consul G 5548 garbet hsara fuq il-*bumper* ta' quddiem.

Imma anke jekk, ghal grazzja tal-argument biss, il-Qorti kellha taccetta li ma kienx hemm daqqiet fuq il-vettura tal-konvenut, dan ma jfissirx li ghax hu ma laqatx il-vettura ta' Vassallo, huwa ma kienx il-kawza ta' dak li gralu Vassallo.

L-awturi Isaacs & Leveson "*The Law of Collisions*" taht it-titolu "*Collisions indirectly due to defendant*" (p 151) jghidu:

"*Where a plaintiff claims damages because of some injury he has received through being involved in a collision, a defendant may be liable , even if neither he nor his vehicle was in actual contact with plaintiff or his vehicle. It is sufficient if plaintiff's harm was casually connected with defendant's negligence*".

Il-Qrati taghna kellom okkazzjoni jikkonfermaw dan it-taghlim fis-sentenzi P.A. Grech vs Zahra 18/11/92 u ALM Enterprises Ltd vs Prof. R. Ellul Micallef. 21/1/2000. “Il-fatt li ma tkunx saret kollizzjoni attwali bejn il-vettura ta’ l-attur u dik tal-konvenut ma jfissirx li dan ikun awtomatikament ezonerat minn kull responsabilita’ .”

Fil-kaz in ezami l-Qorti tikkonkludi mill-provi migbura li l-konvenut kien baqa jsuq ghal fuq il-karozza ta’ Vassallo u dana kellu jibqa’ jirriversja dak it-tul kollu biex jevita li l-konvenut jidhol go fih, sakemm fl-ahhar il-konvenut laqtu u gieghel lill Vassallo jitlef il-kontrol, jitla l-bankina, jolqot il-hajt u jispicca mahbut mat-Taxi.

**Danni**

Dwar danni, Robert Vassallo xehed li kawza ta’ dana l-incident huwa sofra hsarat kbar - il-wara mifqugh, il-gemb kollu, il-quddiem lemini li jinkludi il-bonnet, fanali u mudguard. Hu thallas mill-Allied Insurance billi kien assikurat Comprehensive.

Kaptan Stephen Micallef kien ghamel survey fuq Taxi Mercedes Y 0019 Dok SM a fol 101. Kien ghamel ukoll *survey* tal-karozza U-2175 tat tip Lancer - dok a fol. 103/4.

Mark Zammit Claims Manager mal-Allied Insurance xehed li Vassallo kien assikurat b’*comprehensive cover* u kien ghamel *claim* fuq dana l-incident. Huma kienu hallsu Lm122 hsara fuq il-vettura li kienet ipparkjata li ntlaqtet mill-kljent taghhom u diversi pagamenti fuq l-assikurat taghhom cjoe Lm1,061.31; Lm731; Lm114.80 u Lm49.18.

Xehdu mbaghad diversi persuni li kkonfermaw il-kontijiet li pprezentaw l-atturi.

B’verbal a fol. 73 fejn il-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontesta l-kwantum tad-danni mitluba mill-atturi.

Skond id-dok a fol. 40 Dok DW 13 l-atturi kienu hallsu Lm1,792 lill Robert Vassallo u Lm122 ghall hsara fit-Taxi. B'kollox Lm1,914

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tiddikjara lill-konvenut Spiridione Zammit responsabbli ghall-kollizjoni msemmija, u cioe' dik li grat fis-27 ta' Gunju, 1992 fil-Hamrun;

Tillikwida d-danni minnu kkagunati fl-ammont ta' elf disa' mija u erbatax il-lira Maltin (Lm1,914);

u tikkundannah ihallas id-danni hekk likwidati lill-atturi;

Bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

Tillibera lill kjamat fil-kawa mill-osservanza tal-gudizzju spejjez ghal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------